A.L. 53 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni minn Persuni Eżentati)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 30 u 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni minn Persuni Eżentati).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Tifsir

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"dikjarazzjoni" tfisser id-dikjarazzjoni ta' kull tant żmien li hu meħtieġ li tintbagħat lill-Kummissarju skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 30 tal-Att.

(2) Frażijiet oħra għandu jkollhom it-tifsira lilhom mogħtija fl-Att.

Dikjarazzjoni minn żmien għal żmien.

3. (1) Id-dikjarazzjoni ta' kull tant żmien li hu meħtieġ li tinbagħat lill-Kummissarju minn persuna eżentata għandha tinbagħat kull tnax-il xahar.

(2) Iż-żmien ta' tnax-il xahar li għalih jirreferi l-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandu jibda fl-1 ta' Jannar u jintemm fil-31 ta' Diċembru ta' l-istess sena:

Iżda meta d-data effettiva tar-reġistrazzjoni ta' persuna eżentata tkun data li ma tkunx l-1 ta' Jannar, l-ewwel żmien ta' dik il-persuna għandu jibda f'dik id-data effettiva u għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru ta' l-istess sena.

(3) Meta persuna eżentata ma jkollhix aktar dritt li tibqa hekk klassifikata iż-żmien ta' dik il-persuna għandu jintemm fid-data meta dik il-klassifikazzjoni tiġi kanċellata mill-Kummissarju.

(4) Dikjarazzjoni li hi meħtieġa li tinbagħat lill-Kummissarju skond dawn ir-regolamenti għandha hekk tinbagħat mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara x-xahar li matulu jintemm dak il-perijodu.

(5) Meta d-data li fiha xi dikjarazzjoni li ssir minn żmien għal żmien ikollha tintgħamel skond dawn ir-regolamenti taħbat, li ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, is-Sibt jew il-Ħadd, jew f'jum nazzjonali jew fi btala pubblika skond kif stabbilit fl-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, dik id-data għandha titqies li taħbat fl-ewwel jum tax-xogħol, li ma jkunx is-Sibt, li jiġi wara dak is-Sibt, Ħadd, festa nazzjonali jew btala pubblika.

Kap. 252.

Formola tad-dikjarazzjoni.

4. Dikjarazzjoni li tkun meħtieġa li tintbagħat lill-Kummissarju skond dawn ir-regolamenti għandha ssir fuq il-formola, u għandu jkun fiha dawk id-dettalji, murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Dikjarazzjoni għandha tkun sħiħa u dettaljata.

5. Ma titqiesx li tkun saret dikjarazzjoni kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha, u sakemm ma tkunx iffirmata mill-persuna li tkun qiegħda tagħmel dik id-dikjarazzjoni jew mill-aġent tagħha.

SKEDA

B 409

DEPARTMENT OF VALUE ADDED TAX
Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara BKR 13
Tel: 499330

(Ministeru tal-Finanzi)
(Ministry of Finance)

DIKJARAZZJONI/*DECLARATION*

Skond Sezzjoni 30 ta' l-Att ta' 1998 dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud

in terms of Section 30 of the Value Added Tax Act 1998

DATI TAL-PERJODI: *PERIOD DATES*

Registration No:

Bidu *Starting Date*	Tmiem *Ending Date*	Għeluq *Return Due by Date*

A	RENDIKONT TAL-BEJGĦ/XIRI *STATEMENT OF SALES/PURCHASES*	Lm
1	**Provvista ta' Prodotti** *Sale of Goods*	
2	**Provvista ta' Servizzi** *Provision of Services*	
3	**Xiri ta' ħażniet għall-bejgħ** *Purchases of stock for re-sale*	
4	**Xiri ta' assi kapitali f'din is-sena** *Purchase of capital assets during the year*	

DIKJARAZZJONI / *DECLARATION*

Jiena / _____ **niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni mogħtija huma** *declare that the details and information provided are correct*

shaħ u korretti u nawtorizza lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex jagħti kull informazzjoni lill-Kummissarju *and complete and authorise the Commissioner of Inland Revenue to furnish the Commissioner of VAT with further*

tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud rigward din id-dikjarazzjoni dwar bejgħ/xiri. *information in his possession relating to the above statement of sales/purchases.*

Firma *Signature* _____ **Kariga** *Designation* _____ **Data** *Date* _____

Telephone: _____

Nota/*Note:*

Din id-Dikjarazzjoni għandha timtela' minn Persuni Eżentati li joperaw taħt il-limiti rispettivi tat- *This Declaration should be completed by all Registered Exempt Persons operating under the limit of the*

***thresholds* skond il-Partita 13 tas-Sitt Skeda tal-Att ta'1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud.** *respective threshold in terms of Item 13 of the Sixth Schedule to the VAT Act 1998.*